MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Numru. 777/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**KONTRA**

**MARIO CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mario Camilleri ta' 46 sena, bin Spiro u Mary nee' Allegretto, mwieled Pieta, nhar il- 21 ta' Mejju 1962, residenti fil- fond Emanuela, Triq is- Siegh, Swieqi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 320862(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f'dawn il- Gzejjer fit- 22 ta' Awissu 2008 ghal habta tad- disgha ta' filghodu gewwa l- ghassa ta' San Giljan;

1) Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PS 157 Brian Mifsud PC 640 Raymond Vella, PC 1501 Darren Xerri u WPC Christine Calleja, persuni nkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta' ordni moghti skond il- Ligi mill- awtorita' kompetenti;

2) Ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' PC 640 Raymond Vella persuna inkarigata skond il- Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal- Ligi jew ta' ordni moghti skond mill- Ligi mill- awtorita' kompetenti;

3) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il- persuni ta' PS 157 Brian Mifsud, PC 640 Raymond Vella, PC 1501 Darren Xerri u WPC Christine Calleja, persuni nkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil- hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- Ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz;

4) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hgiega liema hsara ma tiskorrix €23.29 ghad- dannu tal-Kummissarju tal- Pulizija u l- Gvern ta' Malta;

5) Volontarjament kisser il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku b'ghajjat u glied;

6) Ma obdiex l- ordnijiet legittimi tal- Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d- dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b' Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix- xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il- Ligi jew b' xi mod iehor;

Ukoll talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza bidet meta kien l-istess imputat li mar l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fid-data u l-hin indikati sabiex jiehu soddisfazzjon mal-Pulizija dwar allegat malafama li sar fil-konfront tieghu xi jiem jew gimghat qabel minn Ufficjal tal-Pulizija li baqa' mhux maghruf u mhux identifikat. Inghad li xi membru tal-Pulizija, waqt li l-imputat kien qieghed mizmum taht arrest fil-facilita' korrettiva ta' Kordin, mar qal lil bintu li hu (l-imputat) kellu mara ohra, u meta' saret taf il-mara tal-imputat, din telqet mid-dar. B'hekk l-imputat nizel l-Ghassa hekk kif sar jaf x' gara u staqsa ghal dan il-Pulizija.

Mill-provi prodotti rrizulta li l-imputat kien irrabjat hafna meta nizel l-Ghassa, u beda jinsulenta lill-membri tal-korp hemmhekk presenti u minkejja li dawn ippruvaw jikkalmawh, dan kompla jzid sa kemm kellhom izommuh bil-forza. Issa, mill-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat, fil-fehma tal-Qorti dawn mhux kollha gew soddisfacentement ippruvati mill Prosekuzzjoni. Ma kienx hemm l-estremi tar-reat ta' attakk jew resistenza bi vjolenza ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kap 9, izda semmai ta' ingurji u theddid skond l-Artikolu 95 tal-istess Kap. F'nofs l-argument l-imputat sofra xi griehi ukoll, meta l-Pulizija ppruvaw izommuh milli jkompli jaghmel storbju gewwa l-Ghassa, u kien hawnhekk li PC 640 Raymond Vella sofra griehi hfief, u l-uniformi tal-Pulizija gratilha

hsara. Ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel, il-hames u s-sitt imputazzjoni ma rrisultawx ippruvati. L-addebitu tar-recidiva, min-naha l-ohra, giet ippruvata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 96, 221, 95, 325, 338(dd) u (ee), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati tat- tieni (2), it- tielet (3), ir- raba' (4) u s- seba' (7) akkuzi u ghaldaqstant tikkundannah terminu ta' tlett (3) xhur prigunerija.
Ma ssibx lill- imputat hati tal- ewwel (1), il- hames (5) u s-sitt (6) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------